MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 3331/1996/1

**Joseph Sammut**

**vs**

**Graziella Sammut**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar it-30 ta' Ottubru 1993, liema zwieg gie celebrat fil-Knisja ta' Attard, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. "A").

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u b'hekk dan iz-zwieg huwa

null skond l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-istess Kapitolu.**

Illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan bi ksur ta' l-**artikolu 19 (1) (h) tal-istess Kapitolu.**

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Ottubru 1993 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-24 ta' Settembru1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-3 ta' Frar 1999 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null izda r-raguni ghal dan ghandha tkun imputabbli lill-attur, ghall-motivi esposti fid-dikjarazzjoni;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tad-9 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Sandra Sladden bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-21 ta' Gunju 1999; tal-10 ta' Jannar 2000; tal-15 ta' Mejju 2000; tat-23 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Dicembru 2000; tal-20 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001; tal-25 ta' Settembru 2001; tat-23 ta' Jannar 2002; tat-12 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-10 ta' Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament. Dr. David Camilleri ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport, u l-kawza giet differita ghal *sentenza in difetto ostacolo* ghall-lum 25 ta' Marzu 2003.

Rat is-seduti mizmuma, u r-rapport redatt mill-Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed permezz tas-segwenti:-

(a) Permezz tad-dikjarazzjoni tieghu fil-kawza odjerna guramentat fis-26 ta' Novembru 1996, u fid-dikjarazzjoni tal-kawza ta' separazzjoni Cit. Nru 1199/96 u fin-nota tal-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba fl-istess kawza;

(b) Permezz ta' affidavits tieghu stess datata 9 ta' Lulju 1997, affidavit ta' missieru Anthony Sammut datat 14 ta' Lulju 1997 u affidavit ta' ommu Joyce Sammut datat 14 ta' Lulju 1997.

(c) Permezz ta' tliet affidavtis ohra pprezentati fil-kawza bic-Cit. Nru 1199/95 u cjoe' affidavit tieghu datat 9 ta' Lulju 1997, ta' ommu Joyce Sammut datat 9 ta' Lulju 1997 u ta' missieru Anthony Sammut datat 14 ta' Lulju 1997.

(d) Fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 1998 u fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 1999 xehed missier l-attur in kontro-ezami.

Illi l**-konvenuta** xehdet permezz tas-segwenti:-

(a) Dikjarazzjoni taghha fil-kawza odjerna guramentat fit-3 ta’ Frar 1999 u dikjarazzjoni taghha man-nota tal-eccezzjonijiet u fil-kontro-talba fil-kawza tas-separazzjoni personali, Cit. Nru 1199/96 fil-21 ta’ April 1997.

(b) Affidavit taghha pprezentat fl-10 ta’ Ottubru 1997 fil-kawza tas-separazzjoni personali, Cit. Nru 1199/95.

(c) Affidavit ta’ ommha Carmen Ferrito pprezentat fil-kawza tas-separazzjoni personali, Cit. Nru 1199/95.

(d) Xehed missier il-konvenuta fis-seduta tal-24 ta’ April 1998.

**(ii) KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT.**

Illi fit-tieni (2) premessa tac-citazzjoni tieghu l-attur qal *“illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet (3) premessa tac-citazzjoni l-attur qal *“illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null”* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fir-raba’ (4) premessa tac-citazzjoni l-attur qal *“illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar z-zwieg, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg”*, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19(1)(h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (f), (d) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**19(1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

**(f)** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

**(d)** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

**(h)** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi rigward l-**Artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A.- 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi f' **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. - 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f' **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi f' **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. –14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min <u>esternament</u> ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun <u>internament</u> u <u>b'att pozittiv tal-volonta tieghu</u> qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel

ma ta’ l-kunsens tieghu kien gja’ mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe”** (14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta’ u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f' **“Aquilina vs Aquilina”** (P.A. 30 ta’ Jannar 1991) u f' **“Grech vs Grech”** (P.A. 9 ta’ Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe’ l-imhabba konjugali u r-responsabilita’ tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **“Magri vs Magri”** (14 ta’ Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-‘Consortium Vitae’ tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti u dan fid-dawl tal-ligi kif fuq esposta jirrizulta li kif xehed **l-attur** fl-affidavit tieghu tad-9 ta’ Lulju 1997 meta beda johrog ma’ Graziella qatt ma kellu ntenzjoni li jizzewwigha. Fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 1999, meta gie mistoqsi mill-avukat difensur tal-konvenuta x’irid iffisser bis-sentenza *“Qatt me kelli l-intenzjoni li nizzewwigha”* l-attur irrisponda hekk:-

*“Jien kont ili nafha xahar biss u kelli x’naqsam maghha mill-ewwel u fil-fatt kelna x’naqsmu ta’ sikwit. Il-konvenuta nqabdet tqila. Jien kelli pressjoni minn ommi u missieri u qaluli li jaqbilli nizzewweg. Jien pprovajt naghmel l-affarijiet ghas-sewwa ghat-tarbija u zzewwigtha.”*

Illi **omm l-attur**, fl-affidavit taghha tal-14 ta’ Lulju 1997 xehdet illi t-tifel izzewweg minhabba l-pressjoni qawwija minn omm il-konvenuta, li ridithom jizzewgu minhabba d-dizunur. Tkompli tghid illi meta l-konvenuta harget tqila kienet tghidlu biex jistenna sakemm titwieled it-tarbija u mbaghad jara.

Illi pero’, din ix-xhieda ta’ omm l-attur m’hijiex kredibbli peress illi l-attur, fix-xhieda tieghu fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 1999 xehed illi *“jien kelli pressjoni minn ommi u missieri u qaluli li jaqbilli nizzewweg.”* Mill-banda l-ohra kemm omm u anki missier il-konvenuta xehdu illi kienu wissew lit-tifla taghhom biex tiehu l-affarijiet bil-mod u fethulha ghajnejha fuq il-pass li kienet ser taghmel.

Illi ghalkemm l-attur xehed illi kellu pressjoni mill-konvenuta biex jizzewweg, **il-konvenuta** fl-affidavit taghha tghid hekk:-

*“Fil-fatt kemm jien kif ukoll il-mama’ tieghi konna staqsejnih qabel iz-zwieg jekk kienx rega’ bdielu u huwa kien wiegeb li z-zwieg ukoll kienet ghazla tieghu”.*

Illi ghalhekk din il-Qorti fuq dan il-punt taqbel mal-brava perit legali Dr. Sandra Sladden *“illi l-kontendenti ma zzewgux minnhabba xi pressjoni ta’ xulxin jew tal-ginituri, izda kienet decizjoni taghhom biex minghalihom jipprovaw isolvu zball,* (ghalkemm il-kelma zball f’dan il-kuntest l-Qorti ma tahsibx li huwa addattat) *u cjoe’ it-tqala”*.

Illi mbaghad il-Qorti ghaddiet biex ezaminat it-tieni premessa tal-attrici u cjoe’ **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ill ghar-rigward tal-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d)** mill-provi migbura jirrizulta illi l-kontendenti fl-ebda mument ma kkunsidraw il-valuri u l-principji tal-hajja

mizzewga. ***Dr. Abigail Attard*****,** fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Illi mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga.

Illi mix-xhieda migbura jidher car illi l-kontendenti zzewgu ghax l-attrici harget tqila:-

*“Meta bdejt nohrog ma’ Graziella qatt ma kelli l-intenzjoni li nizzewwigha.” (Affidavit datat 9 ta’ Lulju 1997).*

Illi fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 1999, meta gie mistoqsi mill-avukat difensur tal-konvenuta x’irid iffisser bis-sentenza *“Qatt me kelli l-intenzjoni li nizzewwigha”* l-attur irrispondha hekk:-

*“Jien kont ili nafha xahar biss u kelli x’naqsam maghha mill-ewwel u fil-fatt kelna x’naqsmu ta’ sikwit. Il-konvenuta nqabdet tqila. Jien kelli pressjoni minn ommi u missieri u qaluli li jaqbilli nizzewweg. Jien ipprovajt naghmel l-affarijiet ghas-sewwa ghat-tarbija u zzewwigtha.”*

Illi min-naha taghha l-konvenuta, fid-dikjarazzjoni guramentata taghha qalet hekk:-

*“Il-kontendenti zzewgu meta l-esponenti kellha erba’ xhur u nofs tqala. Din kienet ic-cirkostanza principali li nduciet lill-koppja li jiccelebraw iz-zwieg.“*

Illi missier l-attur, **Anthony Sammut**, fix-xhieda tieghu tal-14 ta’ Lulju 1997 xehed illi l-kontendenti zzewgu ghax il-konvenuta harget tqila. Ikompli jixhed hekk:-

*"Iz-zwieg ta' bejniethom ma kienx isir. Huma kienu ilhom biss xahrejn johorgu flimkien qabel ma nqabdet 'pregnant', u zzewgu biex jippruvaw isolvu kollox biz-zwieg."*

Illi ghalhekk huwa car illi z-zwieg sar purament minhabba t-tqala tal-konvenuta. Il-kontendenti kienu ilhom xahrejn biss johorgu flimkien qabel ma inqabdet tqila l-konvenuta. Il-kontendenti zzewgu meta l-konvenuta kellha erba' xhur tqala. Ghalhekk meta zzewgu l-kontendenti kienu ilhom jafu lil xulxin ghal ftit xhur biss.

Illi cirkostanzi simili ghal dan il-kaz kienu fil-kaz **"Tabone vs Tabone"** (P.A. 7 ta' Lulju 1995). Il-Prim' Awla ddikjarat zwieg null fuq, *inter alia*, **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, liema Qorti nterpretat id-decizjoni tal-attur biex jizzewweg hekk:-

*"Illi l-importanza li huwa ta lit-tqala tal-konvenuta, tindika li hu ma kien xejn liberu fl-ghazla tieghu ghalkemm probabilment lanqas kien irrealizza b'dan; illi inoltre jigi osservat illi z-zwieg tal-kontendenti gie organizzat u deciz biss fi tliet gimghat u dan jindika li certament il-partijiet ma ghamlu ebda valutazzjoni serja ta' dak li kienu sejrin jidhlu ghalih; qabel ma saru jafu bil-gravidanza tal-konvenuta huma bl-ebda mod ma tkellmu dwar iz-zwieg jew dwar il-hajja taghhom futura".*

Illi fil-kaz **"Giordimaina vs Giordimaina"** (P.A. 31 ta' Jannar 1995) il-Qorti qalet hekk:-

*".......... ghalkemm kien ilhom zmien flimkien, ma kinux jafu lil xulxin bizzejjed; fl-immaturita' taghhom ma hasbuhiex darbtejn biex jghaddu ghaz-zwieg meta sfortunatament ghalihom u l-aktar ghall-kreatura illi twieldet (il-konvenuta kienet harget incinta qabel iz-zwieg anke skond ma jidher mill-istess certifikat esebit) sabu ruhhom f'cirkostanzi li wassluhom biex jaghtu l-kunsens taghhom minghajr ma jkunux hasbu bis-serjeta fuq dak li kienu qeghdin jghamlu".*

Illi minhabba illi l-kontendenti zzewgu f'dawn ic-cirkostanzi, zgur illi ma kienux lesti ghaz-zwieg. Mill-bidu nett taz-zwieg in ezami, r-relazzjoni tal-kontendenti ma kienet xejn tajba. Illi hawn il-Qorti taqbel mal-perit legali li din ma kenitx ikkawzata biss minn immaturita' izda min-nuqqas ta' kapacita' li jaghtu kunsens liberu u kuxjenti.

Illi kif gie spjegat tajjeb fil-kawza **"Spiteri vs Spiteri"** (P.A. – 4 ta' Novembru 1994):-

*"B'difett serju ta' diskrezzjoni l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku interament marbut mall-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u kuxjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, is-sitwazzjoni li sabu ruhhom il-kontendenti wara li l-attrici harget tqila holqot konflitt intern fil-kontendenti li minhabba fih gew privati b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika-estimativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg li hi mehtiega sabiex jista' jinghad li hemm kunsens validu.

Illi kaz simili kien **"Portelli vs Portelli"** (P.A. – 14 ta' Awissu 1995) fejn koppja zzewget ghax it-tfajla nqabdet tqila u l-Qorti qalet:-

*"........ l-espressjoni "hassejtni dahri mall-hajt" (.....) tirrispekkja dak il-konflitt intern fil-konvenut li jipprivah minn dik il-liberta nterna mehtiega sabiex ikun jista' jaghti mhux biss kunsens hieles izda wkoll kunsens ponderat dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali u cjoe' dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti mill-bidu nett uriet illi ma kienux lesti ghaz-zwieg.

Illi fl-affidavit tieghu tad-9 ta' Lulju 1997, l-attur jilmenta illi l-konvenuta kienet possessiva u tghir. Ilmenta li l-konvenuta ma ienitx tissaporti li jara xi films, jew riklami

jew *magazines* fejn kien hemm nisa lebsin il-malji tal-ghawm. Ilmenta li ma kenitx thallih imur jghum f'bajjiet fejn ikun hemm in-nisa *topless*. Ilmenta li kellu jwaqqaf kull hbiberija li kellu u kien jiddejjaq li l-konvenuta kienet ossessjonata bl-idea li ser jiltaqa' ma' xi mara ohra.

Illi fit-tieni affidavit tieghu tad-9 ta' Lulju 1997, l-attur jerga' jilmenta dwar l-ghira esagerata u l-possessivita' tal-konvenuta. Skond hu *"tant tghir illi ma kenitx thallini nghix kif suppost".* Jixhed kif minhabba l-ghira taghha kellu jitlaq ix-xoghol ma' missieru peress illi kien jahdem bil-lejl u l-konvenuta kienet tghir.

Illi missier l-attur, fl-affidavits tieghu ukoll jikkonferma li l-possessivita' tal-konvenuta farrak iz-zwieg. Ighid ukoll illi l-attur kien ta' spiss imur id-dar taghhom bil-guh u li l-konvenuta qatt ma ndenjat ruhha ssajjarlu. Xehed illi kien dejjem jara lil ibnu bid-dwejjaq. Skond hu, *"Graziella ma kenitx matura u responsabbli bizzejjed biex tizzewweg, ghax biz-zwieg ma tistax issolvi dawn il-problemi. Graziella u Joseph ma kellhomx bizzejjed zmien biex isiru jafu lil xulxin sew qabel ma jizzewgu. Kollox sar ta' malajr."*

Illi **omm l-attur** ukoll xehdet illi l-konvenuta kienet dominanti fuq l-attur. Xehdet illi r-ragel taghha offrielhom il-*flat* taghhom f'San Pawl il-Bahar pero' l-konvenuta nsistiet li jmorru joqghodu tas-Sliema biex jinqatghu minn mal-hbieb tal-attur.

Illi min-naha taghha l-konvenuta, fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, tghid hekk:-

*"Mill-bqija l-attur baqa' jgib ruhu bhallikieku kien ghadu guvni, jiffrekwenta nisa ohra, jsawwat lill-attrici u ma jerfax ir-responsabbilta' tal-hajja mizzewga. Dan kollu wassal biex f'anqas minn sentejn iz-zwieg tkisser u l-kontendenti bdew jghixu ghal rashom.*

*In effetti wkoll l-attur ingabar ma' mara ohra li minnha kellu tarbija."*

Illi **l-konvenuta**, fl-affidavit taghha tixhed hekk:-

*"Xahrejn fuq iz-zwieg zewgi beda jerfa' jdejh fuqi, jinsolentani, jidghi dagha fahxi u jkellimni hazin. Dak iz-zmien kont diga' tqila. Jien kont ingergirlu biex ma jhallinix wahdi u joqghod jigri barra wara x-xoghol mal-hbieb. Huwa kien iqatta' bosta hin San Pawl il-Bahar ma' dawn il-hbieb. Jiena kont nghidlu biex jaqta' din il-kumpanjia ghax ma kenitx ta' gid la ghalih u lanqas ghalija."*

Illi s-sinjali ta' vjolenza gew ukoll ikkonfermati minn omm l-attrici li xehdet illi kienet tosserva lil bintha bit-tbengil u darba ratha b'xoffitha maqsuma. Omm l-attrici xehdet illi anke gara tal-konvenuta kienet ikkonfermatilha li darba osservat lill-attur ihabbat lill-konvenuta mac-cint tal-*front garden*. Anke omm l-attrici stess xehdet li rat lill-attur jimbotta lill-konvenuta. Din l-evidenza ta' vjolenza fizika fuq il-persuna tal-konvenuta giet ikkonfermata wkoll minn missier il-konvenuta fix-xhieda tieghu tal-24 ta' April 1998.

Illi **omm l-attrici**, fl-affidavit taghha xehdet illi kien ikellimha hazin u jghajjarha bi kliem baxx. Tiddeskrivih bhala bniedem aggressiv.

Illi rigward l-ghira tal-konvenuta jidher illi l-attur kien jaghtiha raguni ghalfejn tghir. Il-konvenuta xehdet illi kien dejjem jigri wahdu mal-hbieb. Il-konvenuta tghid illi qabel ma kien ikellem lilha, l-attur kien jinnamra ma' certu Caroline u matul is-sentejn ta' zwieg kellha suspett illi zewgha kien baqa' jiffrekwenta lil din Caroline u anke tfajliet ohra. Dan is-suspett ikkonfermatu wara li telaqha ghax illum ghandu tarbija mir-relazzjoni tieghu ma' Caroline.

Illi l-fatt illi l-attur illum ghandu tarbija minn dina Caroline gie kkonfermat minn **missier l-attur** stess fix-xhieda tieghu fis-seduta tas-7 ta' Mejju 1998. Fil-fatt mix-xhieda ta' missier l-attur jidher illi l-attur, hekk kif telaq lill-konvenuta, mill-ewwel dahal f'din ir-relazzjoni ma' Caroline:

*"Caroline hija t-tfajla li ghandu l-attur llum u minnha ghandu wkoll tarbija. L-attur ilu li telaq mid-dar matrimonjali xi sena u nofs ilu. It-tarbija ghandha xi sitt jew tmien xhur. Illum it-tifel ighix ma' Caroline u ilu li telaq mid-dar taghna xi sitt xhur."*

Illi omm l-konvenuta xehdet illi waqt li kienu mizzewgin, f'zewg okkazzjonijiet ratu fil-kumpanija ta' mara ohra fil-karozza, darba f'Bugibba u darba ohra fil-Qawra. Anke missier il-konvenuta xehed illi gieli ra lill-attur fil-kumpanija ta' nisa ohra, u darba minnhom il-Qawra. Missier l-attur xehed illi din Caroline toqghod il-Qawra.

Illi dwar l-*films* u *magazines*, l-konvenuta xehdet illi kienet tghidlu li thossha skomda li tara affarijiet oxxeni u li jdejquha. Meta kienet tghidlu hekk kien jghajjarha li ghadha lura u li tghir.

Illi l-konvenuta tilmenta illi l-attur kien jaghtiha biss hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar bhala manteniment ghalkemm kien jaqla' mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270) fix-xahar, u ghalhekk kellha titlob lill-genituri taghha ghall-ghajnuna finanzjarja. Dan gie kkonfermat ukoll minn omm u missier il-konvenuta.

Illi ma giex stabbilit b'certezza jekk l-attur telaqx mid-dar jew giex mkecci mill-konvenuta. L-attur xehed illi gie imkecci darbtejn mid-dar. Il-konvenuta tammetti illi darba minnhom keccietu mid-dar:-

*"Irrid nghid ukoll illi qabel ma telaqni ghal kollox zewgi kien diga' zmien qabel telaq darba ohra mid-dar wara li keccejtu biex nevita li jkompli jsawwatni u jheddidni l-hin kollu. Dak il-perjodu dam barra mid-dar cirka hames xhur. Kien ukoll telaqni ghal xi gimgha shiha qabel din l-okkazjoni."*

Illi pero' rigward id-darba meta telaq mid-dar matrimonjali ghal kollox, **il-konvenuta** xehdet hekk:-

*"Zewgi abbandonani fil-25 ta' Dicembru 1995 u minn dakinhar sal-llum qatt ma rritorna lura d-dar. Telaq bla kliem u bla sliem."*

Illi fil-fatt illum l-attur ghandu familja ohra ma' dina Caroline fuq imsemmija.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, jirrizulta li l-kontendenti izzewgu b'ghaggla kbira u minghajr hsieb profond fuq iz-zwieg, u l-atteggjament tal-attur ghen mhux ftit sabiex verament jitfarrak iz-zwieg ta' l-isem, tant li jista' jinghad li lanqas halla z-zwieg jibda. Mill-atteggjament tal-attur, sa mill-bidu nett taz-zwieg, jidher car illi ried il-liberta' u ried jibqa' jghix ta' guvni. Ma riedx jerfa' r-responsabbilta' ta' ragel u missier, lanqas mill-aspett finanzjarju. Fil-fatt, ix-xhieda tal-attur hija biss ilment kontinwu illi kien imdejjaq ghax l-konvenuta kienet tghir u kienet possessiva u ma setghax ighix hajtu kif ried. Forsi veru illi l-konvenuta kienet tghir u possessiva, pero' wiehed irid jara jekk dan kienx rizultat ghall-imgieba tal-attur kif fuq diskuss.

Illi min-naha l-ohra jidher li l-konvenuta accettat is-sitwazzjoni tat-tqala taghha kellha twassalha sabiex necessarjament tiehu l-pass ghaliha logiku taz-zwieg, meta certament ma kienitx preparata ghal dan, u meta hija kienet gja' konxja li hija kellha divergenzi mal-attur, u jista' jinghad li min-naha tal-konvenuta wkoll hija zzewget lill-attur biss ghaliex kienet tqila.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan jaghti bazi ghall-annullament taz-zwieg kemm skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** fuq dibattut, kif ukoll skond dak stipulat fl-**artikilu 19 (1) (f) tal-Kap 255** iktar 'il quddiem imsemmi, *stante* li jidher car li l-partijiet f'dan il-kaz eskludew ukoll *a priori* l-elementi essenzjali taz-zwieg mir-relazzjoni taghhom, tant li l-unika konsiderazzjoni li kellhom kienet biss li t-tarbija titwieled fiz-zwieg, u kienet biss din il-pressjoni fuq kollox l-unika raguni li wasslet lill-kontendenti biex jizzewgu u xejn izjed.

Illi hawnhekk issir referenza ghal dak li ntqal fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (P.A. (Q.K.) 7 ta' Lulju 1994) li

tikkonferma li fil-kaz odjern l-elementi hemm imsemmija kienu mankanti. Il-Qorti kienet qalet:-

*"… illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi mbaghad ghal dak li jirrigwarda l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg, dan ukoll irrizulta ampjament. Infatti huma zzewgu bl-uniku skop li t-tifla jkollha familja u l-pozizzjoni taghha regolarizzata skond il-ligi. Illi ma jidhirx li qatt effettivament kien hemm dik il- *"consortium vitae"* li hi krucjali f'dan il-kamp. Infatti l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vite"* tikkomprendi zewg elementi l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja. Infatti fis-sentenza **"Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 94) intqal:-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-*

*'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikli 19(1)(d) u (f)** li huma mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenza **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 –Citaz.Numru:134/00/RCP u **"Isabelle Muscat vs James Muscat" –** P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003) u abbazi tal-istess gurisprudenza u awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d) u (f)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

Illi dwar it-tielet (3) premessa tal-attur u cjoe' **l-artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255.** L-attur ippremetta illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi ***John R. Keating***, fil-ktieb tieghu **"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"** f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will."*

Illi mill-provi migbura din il-Qorti taqbel mal-brava perit legali li fiz-zmien li sar iz-zwieg, il-kontendenti kellhom setghat intelletwali jew ta' rieda bizejjed biex jinholoq kunsens ghall-zwieg u ghalhekk l-**artikolu 19(1)(h)** ma jirrizultax.

**(iii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi ghalhekk skond il-provi migbura abbazi tal-konsiderazzjonijiet premessi jirrizulta illi:-

1) L-ewwel talba tal-attur, u cjoe' li iz-zwieg huwa null *stante* illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghandha tigi milqugha, pero' ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

2) It-tieni talba tal-attur, u cjoe' illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(d)** ghandha tigi milqugha pero' bi htija taz-zewg partijiet. Ghalhekk il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha.

3) It-tielet talba tal-attur u cjoe' illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(h)** ma tirrizultax u m'ghandhiex tigi milqugha u ghalhekk ghandha tigi michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talba attrici kif fuq motivata, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Ottubru 1993 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------